**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2017**

**Appell Nru: 244/2017**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**James Joseph Muscat**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, James Joseph Muscat, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-nurmu 364593M, akkużat ma' oħrajn li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Mejju 2013 u fix-xhur u kif ukoll fis-snin ta' qabel sal-2007 f'diversi postijiet f'dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1) Ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa aggaravat bil-ħin, bil-persuna, bil-lok u bil-valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Kumpanija Gozo Channel u/jew persuni oħra;

2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi għamel xi qligħ ieħor b'qerq, li jammonta għal aktar minn elfejn tliet ija u disgħa u

għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,239. 37) għad-detriment tal-kumpanija Gozo Channel u/jew persuni oħra (Art. 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' April, 2017, li biha l-Qorti, ma sabitx lill-imputat James Joseph Muscat ħati u lliberatu mill-akkużi kollha miġjuba kontrih.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Mejju, 2017, li bih talab lill-din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata wara li tisma' dan l-appell u minflok ssib lill-appellat James Joseph Muscat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-10 ta' Mejju 2013 iċ-chairman tal-kumpanija Gozo Channel irrapporta lill-pulizija li kellhom suspett li għaxar persuni li jaħdmu bħala *bar attendants* fil-kafeterija tal-vapuri Gozo Channel kienu qiegħdin jisirqu xi flus u minn investigazzjonijiet preliminari li għamlet il-kumpanija kien irriżulta li kien hemm xi diskrepanzi peress li l-bejgħ li kien qiegħed isir mill-kafeterija ma kienx qiegħed jiġi dikjarat kollu. Fost l-impjegati li ġew interrogati mill-pulizija kien hemm l-imputat appellat li qabel irrilaxxja l-istqarrija kien tħalla jikkonsulta mal-avukat tiegħu. Fl-istqarrija prodotta mill-prosekuzzjoni l-imputat jidher li ammetta li f'diversi okkażjonijiet huwa kien ħa xi flus mill-kafeterija mingħajr ma kien awtorizzat.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali huma s-segwenti.

**7.** Fl-aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali sostanzjalment jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti li huwa jirritjeni kien wieħed manifestament żbaljat. Huwa jilmenta *inter alia* li l-ewwel Qorti ma tatx il-piż mistħoqq lill-istqarrija li l-imputat appellat ta fid-19 ta' Mejju 2013[1] speċjalment fid-dawl tal-fatt li dak li qal fiha huwa korroborat minn provi oħra li ppreżentat il-prosekuzzjoni u dan minkejja li l-istess stqarrija kienet waħda volontarja skont il-liġi u l-appellat ingħata l-jedd għall assistenza legali u fil-fatt għażel li jużufruwixxi minn dan il-jedd u kien ikkonsulta ma' avukat. Fil-kumplament tal-aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jilmenta mill-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti.

**8.** Dwar dan ix-xorta ta' aggravju il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet serji b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**Ikkunsidrat:**

**9.** In kwantu għall-istqarrija tal-imputat l-ewwel Qorti korrettement irrimarkat li ma nġiebet ebda prova li turi li l-istqarrija ma saritx volontarjament jew li kienet meħuda b'theddid jew biża jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġ. Di fatti meta xehed l-imputat appellat ma allega xejn minn dan u insista biss li l-istqarrija allegatament tiegħu fiha biss dak li deherlu jniżżel l-Ispettur u li huwa, u ċioe' l-imputat, ma qalx dak li niżżel l-Ispettur. Għalhekk ma hemm ebda kwistjoni ta' volontarjeta' tal-istqarrija iżda l-kwistjoni hi biss dwar il-veridiċita' tagħha u ċioe' hux

[1] *Vide fol.* 44 tal-atti proċesswali.

minnu li fiha hemm dak li qal l-imputat jew fihiex dak li deherlu jrid iniżżel l-Ispettur li  nterroga lill-imputat.

**10.** Jidher li l-ewwel Qorti rriteniet li kien hemm dubbju dwar il-veridiċita' tad-dokument esibit mill-prosekuzzjoni bħala l-istqarrija tal-imputat u sostniet li dan id-dubbju jinħoloq minn  ċerti dikjarazzjonijiet addebitati lill-impuat fl-istqarrija. Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti teżamina id-dikjarazzjonijiet li fuqhom straħet l-ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjoni tagħha sabiex din il-Qorti tevalwa jekk il-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti dwarhom kienux raġonevoli jew le.

**11.** L-ewwel Qorti għamlet riferenza għall-fatt li lejn l-aħħar tal-istqarrija l-imputat ġie mistoqsi jekk jagħżilx jiffirma l-istqarrija u skont l-istqarrija l-imputat wieġeb li "Iva. Din l-isqarrija għamiltha jien mingħajr biża', theddid, jew promessi ta' vantaġġ wara li nqratli mill-ispettur Frank Anthony Tabone. Ngħid li hija l-verita' u nagħżel li niffirma." (emfasi tal-ewwel Qorti).  Il-Qorti rrilevat li  l-imputat darbtejn iddikkjara li kien se jiffirma iżda l-firma tiegħu ma hix fl-istqarrija. L-ewwel qorti iżda ma kkumentat xejn aktar dwar dan. Jidher iżda li qieset din iċ-ċirkostanza bħala waħda li tixħet dubbju fuq il-veradiċita' tal-istqarrija. Din il-Qorti, iżda, ma tara xejn straordinarju li l-imputat darbtejn stqarr li kien ser jiffirma l-istqarrija iżda finalment  iddeċieda li ma jiffirmax. Ma kien hemm xejn x'seta' jagħmel l-Ispettur sabiex jinduċi lill-imputat iżomm kellmtu li jiffirma l-istqarrija u, anzi, kieku pprova jagħmel dan x'aktarx kienet tiġi vizzjata l-istqarrija. Wara kollox, ma tridx aktar minn ftit sekondi biex darbtejn tistqarr li ser tiffirma u ma tridx aktar minn sekonda biex jibdielek u tirrifjuta li tiffirma.

**12.** It-tieni ċirkostanza li rrilevat l-ewwel Qorti hi dik li fl-istqarrija l-Ispettur staqsa lill-imputat domanda li ddeskrivietha bħala waħda intelliġenti li biha l-ispettur li kien qiegħed jieħu l-istqarrija "juri dubju hu

stess dwar il-metodu li kien jintuża biex jinsterqu l-flus". Id-domanda kienet fejn l-Ispettur staqsa lill-imputat jekk il-klienti ma kienux jindunaw li l-impjegati ma kienux jippanċjaw fuq l-irċevuti; t-tweġiba tal-imputat kienet li lilu ħadd ma qallu xejn u li "Ġieli ħaduha l-irċevuta u ġieli ma ħaduhiex". L-ewwel Qorti dwar dan saqsiet jagħmilx sens li persuna tintalab tħallas ammont, fuq l-irċevuta jkun hemm ammont inqas minn dak mitlub, tingħata l-bqija u ma tgħid xejn. Għalkemm din il-Qorti ma hix favur l-ispekulazzjoni din il-Qorti tara li din iċ-ċirkostanza hi aktar indikattiva tal-veridiċita' tal-istqarrija milli l-kuntrarju. Ma jagħmel ebda sens li l-Ispettur f'xenarju allegatament ta' *cut and paste* jagħmel domandi li jimmanifestaw id-dubbji tiegħu ħlief jekk mhux għaliex kien qiegħed ġenwinament ifittex li jiskopri l-verita'; u mhux kif allega l-imputat li l-Ispettur bħala tweġibiet kien qiegħed iniżżel li jfettillu hu u mhux dak li kien qiegħed iwieġeb l-imputat. Jekk l-Ispettur kien qiegħed jivvinta kollox sabiex jinkrimina lill-imputat ma kienx jagħmel sens li jniżżel domandi u jivvinta tweġibiet li jġibu fid-dubbju il-każ tal-prosekuzzjoni. Minn naħa l-oħra huwa ferm verosimili li għall-ammonti żgħar li jirriżultaw li kienu jitħallsu fil-kafeterija l-klienti jew ma jinsistux għal riċevuta jew ma jagħtux każ jew ma jiġux jimporthom xi jkun tniżżel fl-irċevuta.

**13.** L-aħħar ċirkostanza li taċċenna għaliha l-ewwel Qorti hi dik fejn l-imputat ġie mistoqsi fl-istqarrija meta sar jaf li l-kwistjoni kienet qed tiġi investigata mill-Pulizija u, minn meta sar jaf, bediex jippanċja kollox jew baqax għaddej ma jippanċjax xi affarijiet. L-imputat wieġeb li sar jaf is-Sibt u imbagħad beda jippanċja kollox. Hawnhekk l-ewwel Qorti rrilevat li skont id-difiża l-aħħar ġurnata li ħadem l-imputat kien is-Sibt u għamel vjaġġ wieħed biss u l-Ħadd ma ħadimx u dan kien il-jum li fih kien għand il-pulizija. L-ewwel Qorti ma qalet xejn dwar x'kienet qed tikkonkludi minn dan għalkemm għamlet aċċenn għall-kwistjoni ta' *cut and paste* sollevata mid-difiża. Din il-Qorti ma tarax kif il-fatt li l-imputat l-aħħar li

ħadem kien is-Sibt u allegatament għamel vjaġġ wieħed biss dakinhar iġġib fid-dubbju l-veridiċita' tal-istqarrija fejn l-imputat stqarr li wara li sar jaf bl-investigazzjoni huwa beda jippanċja kollox.

**14.** PS 60 John Grima, xhud tal-istqarrija, fid-29 ta' Mejju 2013 xehed li meta l-Ispettur interrroga lill-imputat kien tah is-solita twissija u l-imputat kien għażel li ma jiffirmax. Xehed ukoll li qabel l-istqarrija l-Ispettur kien saqsa lill-imputat xtaqx ikellem avukat u wieġeb li kien ser ikellem l-avukat tiegħu u jirriżulta li hekk għamel. PS Grima, xehed ukoll li l-imputat ma tahomx raġuni għaliex ma riedx jiffirma u qatt ma qallhom li ma riedx jiffirma l-istqarrija għax ma qabilx magħha. Qal li l-istqarrija nkitbet dak il-ħin bl-Ispettur isaqsi u l-imputat iwieġeb u l-Ispettur jikteb. Żied jixhed li l-imputat ma qalx diskors fis-sens ″dak qed tgħidu int, mhux qed ngħidu jien" jew ″ma naqbilx" jew diskors li ma jiffirmahiex għaliex ma jaqbilx magħha[2].

**15.** L-Ispettur Frank Anthony Tabone, li ħa l-istqarrija tal-imputat, meta ġie kontroeżaminat mid-difiża fil-5 ta' Marzu 2014[3] ma ġie konfrontat b'ebda allegazzjoni li t-tweġibiet jew xi tweġibiet fl-istqarrija ma kienux il-kliem tal-imputat iżda kienu biss kliem l-Ispettur u kien hu li qabad u kiteb l-istatement kif ried hu.

**16.** Tenut kont ta' dak kollu premess din il-Qorti hi tal-fehema li dak li xehedu l-Ispettur Frank Anthony Tabone u P.S. 60 John Grima li l-istqarrija tal-imputat fiha r-risposti tal-istess imputat fi kliemu stess fih mis-sewwa u tista' tistrieħ fuqu. Minn din l-istqarrija jirriżulta ampjament li l-imputat f'diversi okkażżjonijiet ħa u żamm għalih bla awtorizzazzjoni ammonti ta' flus a dannu tal-kumpanija Gozo Channel. L-imputat u l-espert Max Xuereb u r-rapport tiegħu f'dan ir-rigward jikkorroboraw lil xulxin anki meta jittieħed qis ta' dak li ssottomettiet id-difiża dwar dak li

---

[2] Fol 117
[3] Fol 287-289

rriteniet huma diskrepanzi fix-xhieda u r-rapport tal-istess espert nominat mill-Qorti.

**17.** Din il-Qorti hi għalhekk tal-fehma li r-reat ta' serq imputat lill-appellat fl-ewwel imputazzjoni jirriżulta iżda ma jirriżultax ir-reat ta' qligħ b'qerq imputat fit-tieni imputazzjoni.

**18.** In kwantu għall-aggravju tal-valur din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li dan ma ġiex pruvat u dan għaliex l-okkażżjonijiet ta' serq, tenut kont ta' reat kontinwat, għandhom jittieħdu separatament għall-fini tal-valur misruq u l-ogħla ammont li jirriżulta li nsteraq f'xi okkażżjoni huwa ta' €35 peress li l-imputat stqarr mal-pulizija li "Meta ġietni tajba ġieli għamilt ħamsa u tletin euro". Ma jirrżultawx ukoll l-aggravji tal-lok u tal-ħin kif irriteniet ukoll l-ewwel Qorti iżda jirriżulta pruvat l-aggravju tal-persuna in kwantu l-imputat jinkwadra fil-paragrafu (d) tal-artikolu 268 tal-Kodiċi Kriminali.

**19.** Għar-raġunijiet u fil-limiti tal-kunsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkostanzi previsti fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li jiġġustifikaw li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u l-konklużjonijiet minnha raġġunti u għalhekk ser tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata.

Għall-motivi premessi tilqa' in parte l-appell tal-Avukat Ġenerali billi tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn ma sabitx lill-imputat appellat ħati tal-ewwel imputazzjoni ta' serq u lliberatu minnha u minflok issibu ħati ta' dik l-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-persuna u wara li rat l-artikoli 18, 28A, 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah għall-piena ta' priġunerija għal żmien disa' xhur b'dan li din s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta sena millum l-imputat appellat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-

artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali li din is-sentenza għandha tibda sseħħ; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilta' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu ta' sena fuq imsemmi reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Finalment a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-imputat appellat James Joseph Muscat iħallas lir-reġistratur l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proċeduri li jammontaw ghas-somma ta' elfejn, mitejn u ghoxrin euro u sebgha u sebghin centezmu (€ 2220.77).

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur